MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Numru 154/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Angelo Gafa')**

**v.**

**Elvin Grech**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkużi kontra Elvin Grech, bin Saverio u Paola nee' Zammit, imwieled Victoria, Għawdex u residenti f'60, Triq San Girgor, Kerċem, Għawdex, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 2478(G) talli:

F'dawn il-Gżejjer, fl-20 ta' Frar 2007, ġewwa l-Uffiċini tal-MEPA fir-Rabat, Għawdex, xjentement għamel użu minn skrittura privata falza li setgħet tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 ta;-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2013, li biha l-Qorti wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel żewġ akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, sabitu ħati tat-tielet akkuża, kkundannatu għall-perjodu ta' ħames xhur priġunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan l-perjodu ta' priġunerija ġie sospiż għal żmien sentejn mid-data tas-sentenza u wara li wissietu bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' erba' mija u tmienja u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€448.87).

**3.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**4.** Il-fatti tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

L-Gozo Football Association riedet tinstalla żewġ floodlights fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ground tal-football li kellha fix-Xewkija f'Għawdex u tnejn oħra fuq quddiem tal-ground. Irriżulta li fil-post fejn kellu jitwaħħal wieħed mill-arbli tad-dwal kien twaħħal riklam ta' ditta tat-telefonija diġitali u għalhekk l-Assoċjazzjoni ddeċidiet li l-arbli jitwaħħlu fuq in-naħa ta' barra mat-triq. Wara li sar ix-xogħol, l-Inġinjier inkarigat, Ronald Vella, ġie infurmat li kien meħtieġ li huwa jibgħat ittra lill-Awtorita' tal-Ippjanar li biha jagħti r-raġuni għaliex l-arbli twaħħlu barra l-ground fuq il-bankina. Huwa ħejja l-ittra u ħada miegħu Għawdex iżda hawn ġie infurmat li l-ittra ma kienetx ġiet aċċettata mill-Awtorita' u ġie mitlub jagħmel dikjarazzjoni li huwa rrifjuta li jiffirma peress li r-raġunijiet miġjuba fiha ma kienux teknikament validi. Imbgħad, xi zmien wara, huwa rċieva acknowledgement mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward ittra li huwa qatt ma bagħat. Irriżulta li din kienet ittra, apparentement ffirmata mill-Inġinjier Vella, li fl-20 ta' Frar 2007 l-imputat personalment ħa bl-idejn ghand l-Awtorita' tal-Ippjanar. Meta din l-ittra ġiet eżaminata minn espert nominata mill-Qorti l-istess espert sabet li l-karatteristiċi tal-firma kienu jikkorrispondu ma' dawk tal-Inġinjier Vella ħlief għall-karatteristika

importanti tal-pressjoni li ma kienetx taqbel ma' dik tal-istess Inginjier u l-opinjoni tal-espert kienet li l-firma ta' Ronald Vella kienet ġiet ikkupjata permezz ta mezz elettroniku, aktarx *scanner*. Espert ieħor li wkoll ġie nominat mill-Qorti kkonkluda li l-firma kienet ġiet *scanned* minn fuq dokument ieħor u wara ġiet trasferita u stampata fuq l-ittra permezz ta' *inkjet printer*.

**Ikkunsidrat:**

**5.** Għalkemm l-aggravji tal-appellant huma miġbura taħt erbgħa kategorji u indirizzati taħt erbgħa kategoriji u ċioe', (i) ħames osservazzjonijiet tal-Qorti (ii) xjentement għamel użu minn dokument falz (iii) *unsafe and unsatisfactory* (iv) aggravju dwar piena, eżami mill-qrib tal-istess jiżvela li sostanzalment tnejn huma l-aggravji peress li l-ewwel tlett aggravji effettivament jistgħu jiġu assorbiti f'wieħed u b'hekk l-aggravji tal-appellanti jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

(a) il-kunsiderazzjonijiet u konklużjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti għas-sentenza tagħha kienu jistrieħu fuq apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha;

(b) għalkemm l-ewwel Qorti ma applikatx piena ta' priġunerija effettiva l-piena inflitta setgħet fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tkun aktar miti.

**6.** Dwar ix-xorta ta' aggravju li nġieb 'il quddiem fl-ewwel aggravju, huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Jekk din il-Qorti, iżda, tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konklużjoni.

**7.** Jibda biex jingħad li l-appellant ma jikkontestax li l-ittra in kwistjoni kienet waħda falza fis-sens li ma ġietx redatta mill-persuna li l-istess ittra kienet tippretendi li ġiet redatta u ċioe' mill-persuna li l-firma tagħha kienet tidher fuqha u dan għaliex dik il-firma ma saritx mill-persuna li lilha kienet apparentement tappartjeni. Fuq dan ma hemmx kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni tal-appellant hi li huwa ma għamilx użu xjenti tal-ittra falza in kwistjoni. Huwa ġie liberat mill-imputazzjoni li ffalsifika l-ittra msemmija u ma sar ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata u għalhekk f'dan l-istadju ma hemmx lok għal spekulazzjoni dwar minn seta' kien l-awtur tal-falsifikazzjoni u l-indaġni f'dan l-istadju trid tkun limitata għal żewġ kunsiderazzjonijiet u ċioe' (1) jekk l-appellant għamilx użu mill-ittra ffalsifikata msemmija u (2) jekk jirriżulta li għamel tali użu, kienx jaf meta għamel dak l-użu li l-ittra in kwistjoni kienet iffalsifikata.

**8.** Dwar l-ewwel kunsiderazzjoni wkoll ma hemmx kontestazzjoni mill-appellant. Fix-xhieda tiegħu l-imputat jaċċetta li kien hu stess li bl-idejn ħa l-ittra oriġinali in kwisjtoni fl-uffiċini tal-Awtorita' tal-Ippjanar (fol. 154). Di fatti l-imputat kemm fix-xhieda tiegħu (fol. 156) kif ukoll fir-rikors tiegħu tal-appell jinvoka dan il-fatt bħala prova ta' kemm ma kienx jaf li l-ittra kienet iffalsifikata għaliex jargumenta li kieku kien jaf li kienet falza ma kienx ser ikun hu li personalment jieħu l-ittra fl-uffiċju tal-Awtorita'.

**9.** Fir-rikors tiegħu tal-appell l-appellant iġib 'il quddiem diversi argumenti biex jipprova jimmina kull argument li ġabet l-ewwel Qorti biex waslet biex issib ħtija fih iżda meta din il-Qorti eżaminat l-apprezzament dettaljat u akkurat li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti din il-Qorti ssib li l-ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ma ssibx raġunijiet serji sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti u l-konklużjoni li waslet għaliha.

**10.** L-appellant jagħmel argument piuttost twil dwar il-kunsiderazzjoni li għamlet l-ewwel Qorti dwar li l-firma fuq l-ittra kienet ġiet scanned u imbgħad ġiet stampata permezz ta' *inkjet printer* u peress li l-uniku *inkjet printer* irriżulta li kien jinsab fl-uffiċju ta' l-imputat kkonkludiet li l-ittra bil-firma setgħet biss ġiet stampata minn dak il-*printer*. Il-Qorti ma tara xejn irraġonevoli f'din l-inferenza li għamlet l-ewwel Qorti partikolarment meta jirriżulta, kif irrilevat ukoll l-ewwel Qorti, li filwaqt li l-ambjent fejn kien joqgħod Pisani kien aċċessibbli għal kulħadd l-uffiċju tal-imputat kellu bieb li jissakkar. L-appellant iġib 'il quddiem diversi argumenti sabiex juri n-nuqqas ta' kredibilita' ta' Pisani bħallikieku l-ewwel Qorti qiesitu xhud kredibbli. Fil-verita', iżda, jidher lampanti li l-ewwel Qorti ma qiesetx lil Pisani bħala xi xhud kredibbli u anzi ikkonkludiet li kemm Pisani u kif ukoll l-imputat it-tnejn ma kienux kredibbli tant li fis-sentenza tagħha tistqarr li ma tistax temmen la lil wieħed u lanqas lill-ieħor u li kienu qiegħdin jitfgħu l-ħtija fuq xulxin meta jippruvaw igħidu illi l-iscanner kien jintuża minn wieħed u mhux mill-ieħor. Iżda l-fatt li l-uniku *inkjet printer* kien jinsab fl-uffiċju tal-imputat irriżulta b'mod oġġettiv mir-ritratti esibiti, mix-xhieda ta' Keith Vella Muscat prodott mid-difiża stess, kif ukoll mix-xiehda tal-imputat stess (fol. 154). Anqas din il-Qorti ma tara xejn anomalu fil-fatt li fid-dawl taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonjiet tagħha jidher li ffokat fuq l-*inkjet printer* u mhux ukoll fuq il-*laser printer* li jidher li kien hemm fl-ambjent okkupat minn Philip Pisani u dan għaliex fejn kien hemm il-*laser printer* irrizulta li kien aċċessibbli għal kulħadd u mill-provi tekniċi irriżulta li l-firma relevanti fuq l-ittra in kwistjoni ġiet ipprintjata permezz ta' *inkjet printer*.

**11.** In kwantu għall-osservazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar li hi ma emmnitx lill-imputat meta jgħid li huwa qatt ma qal lill-Inġijier x'kellu jkun fiha l-ittra li kellha tintbagħat lill-Awtorita' tal-Ippjanar l-asserzjoni li l-ewwel Qorti interpretat ħażin il-fatti hi waħda għal kollox gratuwita. L-ewwel Qorti waslet għal konklużjonijet tagħha f'dan ir-rigward esklużivament fuq l-iskorta tal-provi li rrizultawlha kif dettaljatament spjegat fis-sentenza tagħha u din il-Qorti ma ssib xejn li jinduċiha tiskarta l-

konvinċiment morali li waslet għalih l-ewwel Qorti kif minnha spjegat. Anzi, apparti r-raġunijiet l-oħra kollha mogħtija mill-ewwel Qorti, fid-dawl ta' dak li xehed l-Inġinjier Ronald Vella nnifsu, meta kategorikament u mingħajr eżitazzjoni xehed li dwar il-floodlights huwa kien jiddiskuti biss mal-imputat u li kien l-imputat li kien talbu jagħti r-raġunijiet mogħtija fl-ittra u dan għaliex huwa kien jiddilja biss mal-imputat (fol. 23). L-argument li jipprova jagħmel l-imputat billi jislet mill-kuntest tagħhom diversi kliem fil-plural li ingħad mill-Inġinier Vella f'diversi kuntesti ma jiswa xejn fid-dawl tal-preċiżazzjoni skjetta u kategorika tiegħu li dwar il-floodlights huwa kien jitkellem biss mal-imputat.

**12.** L-appellant jikkritika wkoll l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti meta skont hi l-imputat ta tlett verżjonijiet differenti u kkonkludiet li kien jidher li qiegħed jirfina l-verżjoni tiegħu maż-żmien sabiex iġibha aktar kredibbli. Il-Qorti eżaminat il-provi u partikolarment dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjonijet tagħha u ċioe' x-xiehda tal-Inġinjier Vella, l-istqarrijiet tal-imputat u x-xiehda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, u bla eżitazzjoni ta' xejn issib li l-kunsiderazzjonijiet li għamet l-ewwel fir-rigward tagħhom huma, fil-kumpless tagħhom, għal kollox raġonevoli, leġittimi u ben fondati.

**13.** L-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti tirreferi għal meta l-imputat mar jikkonsulta għand avukat bħala raġuni oħra għaliex ma għandhiex temmen lill-imputat meta l-imputat jgħid li ma kellux x'jaqsam mal-firma falsa fuq l-ittra. Fir-realta' l-appellant ma jipproduċix fedelment l-argument tal-ewwel Qorti. Il-punt tal-ewwel Qorti kjarament ma kienx sempliċement il-fatt li l-imputat mar jikkonsulta avukat izda l-punt li dwaru rrimarkat l-ewwel Qorti kien li l-imputat mar jikkonsulta avukat flimkien ma Philip Pisani li kienet persuna li l-imputat ma kienx jafda tant li kien jissuspetta fih li għamel il-firma falza u jallega li kien sar jaf mingħandu stess li kien għamel passaport falz għat-tfajla tiegħu meta mar Sqallija (fol. 155). Fid-dawl ta' dak li verament irrilevat l-ewwel Qorti, għalhekk, din il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli fil-konklużjonijiet li waslet għalihom. Dan apparti l-fatt li anki fil-kontroeżami tal-istess Pisani id-difiża għamlet diversi allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-istess Pisani (fol. 130-133) kif irrilevat ukoll l-ewwel Qorti.

**14.** F'dan il-kuntest għar-rigward tal-inferenzi l-appellant jagħmel ukoll riferenza għall-artikolu 355AU tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu ma għandu x'jaqsam assolutament xejn għaliex dan japplika fiċ-ċirkostanzi speċifici u preċiżi indikati fl-istess artikolu u mhux għaċ-ċirkostanzi li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u li minnhom setgħet tiġbed dawk l-inferenzi raġonevoli li dehrilha xierqa.

**15.** L-appellant jirrileva li l-ewwel Qorti kkonkludiet li huwa għamel użu mid-dokument falż b'mod xjenti fuq l-iskorta tal-kunsiderazzonijiet fuq eżaminati u li huwa kien isostni li kienu skorretti, uħud perikolużi, u li għandhom jiġu skartati.

Din il-Qorti għadha kemm appena kkunsidrat l-argumenti tal-appellant dwar dawn il-kunsiderazzjonijiet u rriġettathom u għalhekk dan l-argument biex jimpunja l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li l-użu li għamel tad-dokument falz kien wieħed xjenti ma hux sostenibbli.

**16.** L-appellant jgħid ukoll li l-ewwel Qorti waslet għall-prova tax-xjenza tiegħu mill-fatt li l-Inġinjier Vella ma kienx lest jiffirma dikjarazzjoni kif xtaq l-imputat appellant u wara li l-appellant indaga x'kellu jkun fiha din l-ittra qabad u ppretenda li l-Inġinjier Vella jiffirmahielu. Kif irrileva l-istess imputat appellant din kienet biss waħda minn diversi kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti u li din il-Qorti sabet li huma leġittimi u raġonevoli. Din il-Qorti, għalhekk, ma tara xejn irregolari li l-ewwel Qorti ħadet ukoll in kunsiderazzjoni ta' dawn iċ-ċirkostanżi partikolari hawn taħt eżami u wara li kkunsidrathom flimkien mal-kunsiderazzjonijiet l-oħra ġia eżaminati waslet għall-prova tax-xjenża tal-imputat. Dan l-eżerċizzju kien wieħed raġonevoli, minuzjuż u korrett u għalhekk darba li l-ewwel Qorti waslet sabiex b'hekk inbena fiha l-konvinċiment morali li l-imputat appellant kien jaf, u mhux sempliċement kien jissuspetta, li d-dokument in kwistjoni kien wieħed falz din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti hi perfettament leġittima u sostnuta u ma hemm ebda raġuni valida għaliex din il-Qorti għandha tiddisturbha.

**17.** Finalment, l-appellant jissottometti li d-deċiżjoni appellata kienet waħda *unsafe and unsatisfactory* għaliex is-sejbien ta' ħtija ma kienetx biżżejjed sostnuta skont il-liġi bil-provi. Mill-kunsiderazzjonijiet premessi li għamlet din il-Qorti fuq il-kumplament tal-appell tal-imputat ġia tirriżulta l-infondatezza manifesta ta' din is-sottomissjoni tal-appellant li għalhekk qed tiġi respinta.

**18.** In kwantu għall-piena, l-appellant jikkontendi li l-piena inflitta setgħet fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tkun aktar miti iżda mingħajr ma jidentifika liema huma dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi li jimmilitaw favur tali piena aktar miti. Huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-ligi u sakemm dik il-piena ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti. F'dan il-kaz ma jezistux ragunijiet tali u peress li l-piena hija waħda fil-paramentri tal-liġi ma hemmx raġuni suffiċjenti sabiex tiġi varjata minn din il-Qorti.

Għall-motivi premessi l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza appellata qed tiġi konfermata fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------